# AĦNA, BĦALA KRISTJANI TAT-TESTMENT IL-ĠDID, XHIEDA TA' MIN GĦANDNA NKUNU?

Minn
George Ebejer

## XI JFISSER LI TIDDIKJARA "L-ISEM" TA' ALLA?

## AĦNA BĦALA KRISTJANI TAT-TESTMENT IL-ĠDID, XHIEDA TA' MIN GĦANDNA NKUNU?

Xi wħud jgħidu li aħna għandna nkunu xhieda ta' Jehovah. (Ħalli nagħmilha ċara mill-ewwel, l-isem Jehovah ma jinsabx fl-oriġinal. Dan kien użat għal l-ewwel darba minn patri Kattoliku Spanjol ta' l-Ordni Dumnikana fis-seklu tlettax li jġib l-isem ta' C.E. Raymunuds Martini li uża dan l-isem fil-ktieb tiegħu *Pugeo Fidei* tas-sena 1270.)

1. **Isaija 42:10** – "*Alla jiddikjara, "Intom ix-xhieda tiegħi*."

**IMMA**: Dan huwa t-Testment il-Qadim u kien indirizzat lil-Lhud, u mhux lill-Kristjani (ara Isaija 43:1).

2. It-Testment il-Ġdid jgħidilna b'mod ċar ħafna ta' min aħna bħala Kristjani għandna nkunu xhieda.
   a. Dan jgħidu wkoll bl-eżempji.

3. Naqraw fil-ktieb ta' Atti:
   a. **Atti 1:8** – "Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, **u tkunu <u>xhieda Tiegħi</u>** (ta' Ġesù Kristu) f'Ġerusalem, fil-Lhudija kollha u s-**Samarija u <u>sa truf l-art</u>**."

b. **Jekk Isaija qal li Alla ddikjara li aħna nkunu xhieda Tiegħu u Ġesù qal li aħna nkunu xhieda Tiegħu ma jurix dan bl-aktar mod ċar li Ġesù Kristu Hu l-Alla li Jista' Kollox!**

Eżempji ta' dan:

1. **Mattew 28:19** – "Morru, mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom **fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-ispirtu s-Santu**."
   a. Il-kelma "isem" hawn fil-Grieg hija fis-singular. Għalkemm hemm tlieta, **il-Missier l-Iben u l-ispirtu s-Santu** imma hemm isem wieħed biss!
   b. Għalhekk fl-Iskritturi ta' taħt jintqal biex jitgħammdu **fl-isem** ta' Ġesù Kristu għaliex **l-isem** jiġbor fih it-tlieta, **il-Missier l-Iben u l-ispirtu s-Santu**.
2. **Atti 2:36** – "U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom **fl-isem ta' Ġesù Kristu** għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."
3. **Atti 3:6** – Pietru lir-raġel magħtub – "Imma Pietru qallu: "Fidda u deheb ma għandix; imma dak li għandu se nagħtihulek: **fl-isem ta' Ġesù Kristu** ta' Nażaret, imxi!"
4. **Atti 4:10-12, 18** – "Mela kunu afu intom ilkoll, u l-poplu kollu ta' Iżrael: jekk dan ir-raġel hu hawn quddiemkom qawwi u sħiħ, dan ġara bis-saħħa **ta' l-isem ta' Ġesù Kristu** ta' Nażaret, li intom sallabtuh u Alla qajmu mill-imwiet. Din hi, 'il-Ġebla li intom, il-bennejja, warrabtu u li saret il-ġebla tax-xewka." F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, **għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin** li bih aħna għandna nkunu salvi." v. 18 "Għalhekk reġgħu sejħulhom, u ordnawlhom biex b'ebda mod ma jitkellmu jew **igħallmu fl-isem ta' Ġesù**."
   **a.** Ma hemmx isem ieħor imkien taħt is-sema.
   **b.** Għandna aħna nsejħu fuq l-isem "Jehovah" għas-salvazzjoni li dwar dan l-isem qatt ħadd ma kien sema' qabel is-sena 1270 jew għandna aħna nsejħu fuq isem differenti?
   **c.** Ara Rumani 10:9-13 u jkollok it-tweġiba t-tajba mogħtija minn Alla Nnifsu fil-Kelma Tiegħu!
5. **Atti 5:28, 40-42** – "Billi qal: Aħna ma wissejniekomx bis-sħiħ biex ma tagħllmux f'dan **l-isem**? U, ara, intom imlejtu 'l Ġerusalem bittagħlim tagħkom, u tridu ġġibu fuqna d-demm ta' dal-bniedem….U qablu miegħu: u meta sejħu lill-appostli, u sawtuhom, ordnawlhom biex ma jitkellmux **f'isem Ġesù**, u rħewlhom imorru. U huma telqu

minn quddiem il-kunsill, ferħanin għax kienu miżmumin li kien jistħoqqilhom illi jbatu l-għajb għal **ismu**."

> "*F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm* ***isem ieħor mogħti lill-bnedmin*** *li bih aħna għandna nkunu salvi*" (Atti 4:12).

L-uniku isem mogħti lilna huwa dak ta' **Sidna Ġesù Kristu** u mhux l'isem Jehovah li huwa mogħti minn patri Kattoliku Spanjol ta' l-Ordni Dumnikana fis-seklu tlettax li jġib l-isem ta' C.E. Raymunuds Martini li uża dan l-isem fil-ktieb tiegħu *Pugeo Fidei* tas-sena 1270.

Għalkemm issa li forsi xi wħud ma kinux jafu dwar dan imma issa jafu, nittama li ma jwebbsux rashom u jibqgħu jittamaw f'isem li qatt ma kien jeżisti għal 13-il seklu—l-isem Jehovah u jibdew jafdaw fuq l-isem li naqraw dwaru fil-Kelma ta' Alla, l-isem tal-Mulej Ġesù Kristu!!